## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **649/2021 (AD)**

## DAILY CRUST LIMITED (C 76699)

**VS**

## L-AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, erbgħa (4) t'April 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni allegatament sofferti mis-soċjeta' attriċi b'kawża tat-traskuraġni, negliġenza u/jew imperizja fl-esekuzzjoni tax-xogħlijiet mill-Aġenzija intimata fi Triq il-Wied, Balzan.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju 2021, is-soċjeta' **<u>Daily Crust Limited</u>** (minn issa 'l quddiem *"is-soċjeta' rikorrenti"*), ippremettiet:

a. *Illi s-soċjeta' attriċi hija s-sid u l-operatur ta' ħanut tal-merċa bl-isem 'The Convenience Shop' illi jinsab fi Triq il-Wied, Balzan;*

b. *Illi fl-imsemmija Triq il-Wied, Balzan, fejn jinsab il-ħanut tal-esponenti, l-aġenzija intimata jew terzi minnha inkarigati, kienu qed jeżegwixxu xogħlijiet estensivi, liema xogħlijiet bdew lura f'Mejju tas-sena 2018;*

c. *Illi dawn xogħlijiet damu għaddejjin għal aktar minn sbatax-il xahar. Mhux talli hekk, iżda x-xogħlijiet kienu qed isiru b'mod sporadiku u addirittura kienu qed jagħmlu ġranet sħaħ weqfin mingħajr ebda progress, u b'konsegwenza ta' dan, ix-xogħlijiet twalu inutilment u damu ma tlestew sa' Ottubru tas-sena 2019;*

d. *Illi b'konsegwenza tal-istat ħażin li kienet fiha t-triq waqt illi kienu qed isiru x-xogħlijiet, l-aċċess għall-ħanut tal-esponenti mit-triq in kwistjoni kien kompletament restrit għall-karozzi, u ferm diffiċli bir-riġlejn;*

e. *Illi filwaqt illi s-soċjeta' esponenti tifhem illi x-xogħlijiet u l-manutenzjoni fit-toroq jeħtieġ illi jsiru, huwa paċifiku illi tali xogħlijiet għandhom jitlestew fi żmien raġjonevoli u ma joħolqux impatt fuq terzi persuni bħas-soċjeta` esponenti, illi l-operat tagħha u l-impjiegi tal-ħaddiema tagħha jiddependu min-negozju tagħha;*

f. *Illi minnflok l-intimata assigurat ruħha illi jinħoloq l-inqas ħsara possibbli liċ-ċittadin fit-twettieq tax-xogħlijiet, inkluż lis-soċjeta' esponenti, kif ġie premess, ix-xogħlijiet twalu inutilment u ġie impattat serjament in-negozju tas-soċjeta' esponenti;*

g. *Illi minħabba traskuraġni, negliġenza u / jew imperizja fl-esekuzzjoni u konsegwentament d-dewmien tax-xogħlijiet in kwistjoni da parti tal-aġenzija intimata jew terzi ingaġġati minnha, is-soċjeta' esponenti sofriet danni konsistenti f'telf ta' qliegħ riżultanti mill-impatt serju illi l-aċċess restrittiv ħalla fuq in-negozju tas-soċjeta' esponenti, kif ukoll danni sofferti konsistenti f'ħsara f'diversi air conditioning units*

*minħabba l-ammont sostanzjali ta' trab ikkawżat mix-xogħlijiet fit-triq in kwistjoni, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori ta' din il-kawża;*

h. *Illi minkejja li l-aġenzija intimata ġiet interpellata sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha sofferti mis-soċjeta` esponenti, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 3385/2020, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkatia bħala '**Dok DCL1**', l-aġenzija intimata mhux talli baqgħet inadempjenti, talli rrifjutat r-responsabilita' tad-danni ikkawżati minnha;*

i. *Illi in vista tas-suespost, is-soċjeta` esponenti ma kellha l-ebda alternattiva oħra għajr illi tintavola dawn il-proċeduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti;*

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   *i.* *Tiddikjara lill-aġenzija intimata responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta' esponenti b'konsegwenza tat-traskuraġni, negliġenza u / jew imperizja fl-esekuzzjoni tax-xogħlijiet tal-aġenzija intimata;*

   *ii.* *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' esponenti b'konsegwenza tal-aġir tal-aġenzija intimata, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;*

   *iii.* *Tikkundanna lill-aġenzija intimata tħallas id-danni hekk likwidati lis-soċjeta' esponenti fi żmien qasir u perentorju*

   *Bl-ispejjeż kollha kontra l-aġenzija intimata, inkluż tal-ittra uffiċjali tal-3385/2020, li minn issa hi u r-rappreżentanti tagħha huma nġunti in subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tmienja (8) ta' Lulju 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta tal-Ħamis, tletin (30) ta' Settembru 2021, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-Aġenzija konvenuta, illi

ngħatat għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika lilha tal-stess, sabiex tirrispondi skont il-liġi;

5. B'risposta ġuramentata datata sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021, l-**<u>Aġenzija għall-Infrastruttura Malta</u>** (minn issa 'l quddiem *"l-Aġenzija intimata"*) eċċepiet:

    a. *Preliminarjament, it-talbiet tal-attriċi fil-konfront tal-Aġenzija eċċepenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-kors ta' din il-kawża;*

    b. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Aġenzija eċċepjenti ma kkawżat ebda danni lill-attriċi u l-attriċi ma sofriet ebda danni b'riżultat ta' xi ħtija jew nuqqas tal-aġenzija eċċipjenti, u f'kull każ jispetta lill-attriċi tipprova li l-Aġenzija esponenti taħti għal xi nuqqasijiet li jrenduha responsabbli għad-danni minnha pretiżi;*

    c. *B'żieda mal-premess, u dejjem bla preġudizzju, l-attriċi għandha ġġib l-aħjar prova tad-danni pretiżi minnha;*

    d. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti datat ħamsa (5) ta' Lulju 2021, u d-dokument anness miegħu;

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Aġenzija konvenuta datata sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021;

8. Rat l-affidavit ta' **Patrick Hall**, immarkat **Dok DCL2** a fol 20 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

9. Rat l-affidavit ta' **Kevin Sammut**, immarkat **Dok DCL3** a fol 38 tal-proċess;

10. Rat l-affidavit ta' **Charles Micallef**, immarkat **Dok DCL4** a fol 44 tal-proċess;

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Perit David Vassallo**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2021[1], u rat ir-ritratti minnu esebiti u kollettivament immarkati **Dok DV1** a fol 53 *et seq* tal-proċess;

12. Rat l-affidavit ulterjuri ta' **Patrick Hall** immarkat **Dok DCL5** a fol 73 tal-proċess. Għalkemm ġie indikat fl-affidavit illi kellu jkun hemm dokument anness miegħu u mmarkat **Dok PAT1**, dan id-dokument ma jidhirx illi ġie anness;

13. Rat l-affidavit ta' **Leonard Spiteri** immarkat **Dok DCL6** a fol 74 tal-proċess;

14. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-**Perit David Vassallo**, riprodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2022[2], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok DV2 sa DV6** a fol 89 *et seq* tal-proċess;

15. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-**Perit David Vassallo**, riprodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Mejju 2022[3], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok DV6 sa DV11** a fol 89 *et seq* tal-proċess;

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Beverly Costa** in rappreżentanza tal-**Water Services Corporation**, prodotta mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Ġunju 2022[4];

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Perit Joseph Galea**, prodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tas-sitta (6) t'Ottubru 2022[5];

[1] It-traskrizzjoni tinsab a fol 46 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tinsab a fol 77 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tinsab a fol 186 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tinsab a fol 310 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tinsab a fol 330 *et seq* tal-proċess

18. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Joseph Fenech** in rappreżentanza tas-soċjeta' Blockrete Limited, prodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru 2022[6], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok JF1 u JF2** a fol 353 *et seq* tal-proċess;

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Alexis Bonnici** in rappreżentanza tas-soċjeta' Bonnici Brothers, prodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru 2022[7];

20. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Beverly Costa** in rappreżentanza tal-**Water Services Corporation**, riprodotta mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru 2022[8];

21. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Alexis Bonnici** in rappreżentanza tas-soċjeta' Bonnici Brothers, riprodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar 2023[9];

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Vincent Borg** in rappreżentanza tas-soċjeta' V & C Contractors Ltd, prodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar 2023[10];

23. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dorian Sciortino** in rappreżentanza tas-soċjeta' Galletta Construction Limited, prodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu 2023[11];

24. Rat id-dokument esebit mis-soċjeta' rikorrenti bħala **Dok DS1** a fol 392 *et seq* tal-proċess;

25. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Patrick Hall**, prodott mill-Aġenzija intimata in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Mejju 2023[12];

[6] It-traskrizzjoni tinsab a fol 348 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tinsab a fol 364 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tinsab a fol 369 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tinsab a fol 374 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tinsab a fol 377 *et seq* tal-proċess
[11] It-traskrizzjoni tinsab a fol 386 *et seq* tal-proċess
[12] It-traskrizzjoni tinsab a fol 423 *et seq* tal-proċess

26. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Kevin Sammut**, prodott mill-Aġenzija intimata in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Mejju 2023[13];

27. Rat id-dokument esebit mill-partijiet b'nota konġunta datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2024, immarkat bħala **Dok PH7** a fol 446 *et seq* tal-proċess (a fol 446 *et seq* tal-proċess);

28. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Henry Attard** fil-kwalita' tiegħu ta' Executive Director (Administration and Support) fi ħdan l-Aġenzija intimata, prodott mill-Aġenzija intimata waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2024[14], u rat ir-rapport minnu esebit u mmarkat **Dok HA1** a fol 536 *et seq* tal-proċess;

29. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Henry Attard** fil-kwalita' tiegħu ta' Executive Director (Administration and Support) fi ħdan l-Aġenzija intimata, prodott mis-soċjeta' rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) t'Ottubru 2024[15];

30. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti;

31. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Aġenzija intimata;

32. Rat illi l-partijiet qablu illi l-kawża tibqa' differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

33. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

34. Bil-kawża odjerna, is-soċjeta' rikorrenti, illi tiġġestixxi n-negozju bl-isem *"The Convenience Shop"* fi Triq il-Wied, Balzan, qed tallega illi per

[13] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 434 *et seq* tal-proċess
[14] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 532 *et seq* tal-proċess
[15] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 540 *et seq* tal-proċess

konsegwenza ta' xogħol traskurat u negliġenti fl-imsemmija triq illi dam għaddej minn Mejju 2018 sa Ottubru 2019, tilfet qliegħ sostanzjali riżultat tal-aċċess ristrettiv mill-pubbliku għan-negozju. Tallega wkoll illi sofriet danni fi ħsara f'diversi *air-conditioning units* minħabba l-ammont konsiderevoli ta' trab illi ġie ġġenerat fit-triq. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-Aġenzija intimata hija responsabbli għad-danni minnha sofferti, u tillikwida u tordna l-ħlas tal-istess;

35. Huwa ben saput illi, *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"* (Art 1031 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Ġurisprudenza kopjuża tfakkar dak illi ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Antonio Borg noe et vs Guido Abela et***[16], u cioe illi:

> *[F]'kawża għad-danni hemm żewġ stadji - "an et quantum": cjoe' d-dikjarazzjoni ta' responsabilita', u, f'każ ta' affermazzjoni ta' dik ir-responsabilita', l-aċċertament ta' l-eżistenza u tal-miżura tad-danni."*

36. Ġie wkoll affermat fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta plc et***[17] illi:

> *[H]uwa prinċipju kwalifikat fil-liġi illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu" (Artikolu 1031, Kodiċi Ċivili). Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita' extra-kontrattwali u tenunċja r-regola li l-awtur tal-leżjoni għandu jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita' għandha bħala fonti tagħha l-imġieba imputabbli, li tista' tkun doluża jew kolpuża. Imġieba din*

---

[16] Appell Kummerċjali, 14 ta' Mejju 1954 (Vol XXXVIII.II.i, p 300). Ara wkoll, *inter alia*, Ċit Nru 3327/1996/1, ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Limited***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ P Sciberras, 23 t'April 2010 (in ġudikat, peress illi l-Appell intavolat minnha ġie ċedut); Appell Ċiv Nru 166/2004/1, ***Citadel Insurance plc et vs Jonathan Borg***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 29 ta' Mejju 2009

[17] Appell Ċiv Nru 637/2003/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 9 ta' Frar 2005

*li għandha jkollha neċessarjament ness ta' kawżalita' ma' l-event dannuż;*

37. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri), fis-sentenza fl-ismijiet ***GO plc vs Schembri Infrastructures Limited et***[18], fakkret ukoll dak illi kien ġie stabbilit fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Martin Paul Vella et vs Chris Micallef***[19]:

*F'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi ħtija f'min ikun ġabhom fis-seħħ. Ħtija din li trid per forza tirriżulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diliġenza, għal liema jirreferu l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Bir-raġun, kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "***George Thomas Davison -vs- Joseph Azzopardi nomine***", Appell Kummerċjali, 2 ta' Marzu 1962, "mill-analisi ta' l-istess disposizzjonijet tal-liġi jirriżulta illi għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabilita' ta' l-istess fatt għal min ikun għamlu, u (3) id-dannu kaġonat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt li jobbligaw l-awtur tagħhom għar-riżarċiemnt tad-dannu kaġonat mhux biss lill-vittma ta' l-att illeċitu, imma anke lil kull min indirettament jirriżenti d-danni; [...]*

*[...]*

*Hi dottrina elementari sew magħrufa illi "per dare lugo a repsonsabilita' è necessario che esiste un rapporto di causa ad effetto tra il fatto illecito e il danno" (ara* ***Fadda, "Giurisprudenza sul Codice Civile"****, Vol V p 721). Dan il-prinċipju sab rispons favorevoli f'diversi deċiżjonijiet*

[18] Rik Nru 420/11/1 SM, Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 2023
[19] Appell Ċiv Nru 653/2008/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 6 t'Ottubru 2010

> *tal-Qrati tagħna, kif tixhed is-sentenza fl-ismijiet **"Giovanni Sare' -vs- Carmelo Farrugia et"**, Appell Kummerċjali, 6 ta' Frar 1928. Fi kliem ieħor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita' bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuż" ("**John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine**", Appell Kummerċjali, 26 ta' Frar 1960. Ara wkoll "**Paul Debono -vs- Malta Drydocks**", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 27 ta' April, 2005);*

38. Inoltre, imbagħad, punt ieħor illi għandu jiġi kkunsidrat huwa illi f'sitwazzjonijiet fejn id-deċiżjoni tal-Qorti tiddependi mill-provi prodotti mill-partijiet, u l-provi mressqa huma konfliġġenti, id-diffikolta' tal-Qorti hija naturalment kif ser tasal għall-konvinċiment morali rikjest fil-kamp tad-dritt ċivili. Ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak***[20]:

> *Fid-dawl ta' dawn iz-zewg versjonijiet kontrastanti, il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita' u versomiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fiddecizjoni fl-ismijiet "<u>Farrugia vs Farrugia</u>", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

[20] Ċit Nru 462/2002/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ T Mallia, 30 t'Ottubru 2003 (in ġudikat)

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

39. Ġie elaborat ukoll fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Tonna vs Philip Azzopardi***[21] is-segwenti:

*in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-*

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5;*

[21] Appell Ċivili Nru 503/2002/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 12 t'April 2007

*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 577);*

*(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;*

*(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni. Ara, b' ezempju, Kollez. Vol. XXIV P I p 104;*

40. Applikati l-prinċipji legali suesposti għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti, wara li rat u qieset il-provi fl-assjem tagħhom, tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

41. Fl-ewwel lok, il-**Perit David Vassallo** jispjega illi:

> *Hawnhekk irrid nerġa' nenfasizza ftit punti importanti. Aħna hawnhekk, bħala Infrastructure Malta, morna biex nagħmlu triq u bħal ma jiġri dejjem, l-entitajiet, rightly so ngħidu, biex issir biċċa xogħol sew, jirkbu ftit fuq il-karru tagħna. Aħna l-obbligu tagħna huwa li nagħmlu l-asphalt imma –*
>
> *[...]*
>
> *L-Water Services Corporation riedet tibdel is-sistemi kollha u inzerta li għandha hawnhekk, kemm ilni naħdem, waħda mill-iktar sistemi diffiċli u kkumplikati li rajt, jekk wieħed jara r-ritratti. Inżilna kważi żewġ sulari. Sular u nofs żgur. Ovjament fi triq li hija kollha terrapien, ħafna minnha, u allura d-diffikultajiet li hemm. U allura konxji ta' dan, aħna ma għalaqniex it-triq minn Ħal Lija sal-wied imma għamilna phases differenti.*[22]

42. Din ix-xhieda tal-Perit Vassallo hija kruċjali għaliex jinstiltu minnha żewġ elementi importanti:

   a. L-ewwel nett, il-fatt illi din ma kinitx kwestjoni ta' Infrastructure Malta biss, iżda gialadarba tkun ser tinqala' t-triq, l-entitajiet kollha illi jkunu jridu jgħaddu servizzi, jieħdu ħsieb jagħmluh fil-perjodu illi fih ikun qed isir ix-xogħol, b'dana illi x-xogħol mhux neċessarjament idum kemm ikun oriġinarjament mistenni. Infatti, tixhed ukoll **Beverly Costa** in rappreżentanza tal-Water Services Corporation, *"hija proċedura*

[22] A fol 84 tal-proċess

*normali li kull entita' li tkun ħa tagħmel xi xogħlijiet fit-toroq tagħmel kordinazzjoni mal-entitajiet kollha li huma nvoluti f'dik it-triq, jekk hemm xi xogħolijiet li jridu jsiru f'dik it-triq jiddaħħlu fil-kuntratt."*[23] Issemmi, fost eżempji oħra, *"Għandek l-Enemalta, għandek id-data cables jiġifieri Go, Melita u Epic, imbagħad għandek storm water jiġifieri il-connection u distribuzzjoni tal-storm water, umbagħad ovvjament mejnijiet tagħna stess."*[24]

b. It-tieni nett, it-triq ma ngħalqitx kollha f'daqqa, iżda f'fażijiet, b'dana għalhekk illi t-triq quddiem *The Convenience Shop* ma kellhiex aċċess ristrett durante x-xogħol kollu illi sar fi Triq il-Wied, iżda biss għall-perjodi illi fih kien qed isir ix-xogħol quddiem l-istess negozju. Dan jirriżulta primarjament mir-ritratti esebiti in atti, illi juru partijiet differenti maqlugħa mit-triq, f'perjodi differenti. Infatti, hemm ritratti illi juru l-parti tat-triq quddiem *The Convenience Shop* maqlugħa, u ritratti oħra illi juru l-parti tat-triq quddiem *The Convenience Shop* miftuħa għall-vetturi filwaqt illi partijiet oħra fl-isfond huma maqlugħa[25]. In oltre, jirriżulta dan ukoll mill-pjanti esebiti mill-Perit Vassallo bħala **Dok DV3**[26], illi jindikaw eżattament kif kien ser jitqassam ix-xogħol fl-istess triq, b'tali mod illi t-triq tingħalaq parti parti, u mhux it-triq kollha f'daqqa;

43. Punt ieħor illi ġie wkoll pruvat kien illi fil-perjodu illi fih kien qed isir ix-xogħol quddiem *The Convenience Shop*, kien hemm dejjem aċċess komdu bir-riġel. Dan jirriżulta, *inter alia*, mir-ritratti esebiti bħala **Dok DV1**[27] u **Dok DV5**[28] u mix-xhieda tal-Perit Vassallo[29];

44. Is-soċjeta' rikorrenti qed issostni illi x-xogħol fit-triq dam minn Mejju 2018 sa Ottubru 2019. Madanakollu, din il-Qorti tirrileva illi ma tressqet l-ebda

---

[23] A fol 321 tal-proċess
[24] A fol 324 tal-proċess
[25] Ara, *inter alia*, ritratti a fol 126 b'kuntrast ma' ritratti a fol 139
[26] A fol 97 *et seq* tal-proċess
[27] A fol 53 *et seq* tal-proċess
[28] A fol 126 tal-proċess
[29] A fol 48 tal-proċess

prova, għajr il-kelma tad-Diretturi tas-soċjeta' rikorrenti stess, illi tista' tikkonvinċiha illi effettivament ix-xogħol fit-triq dam tul dan il-perjodu kollu. Fir-ritratti annessi mal-affidavit ta' **Patrick Hall**[30]**,** jidher il-makkinarju tas-soċjeta' Bonnici Brothers. Il-**Perit David Vassallo** jixhed illi Bonnici Brothers tqabbdu fit-tmienja (8) t'April 2019[31]. Dan ġie konfermat ukoll mid-direttur tal-istess soċjeta' **Alexis Bonnici** fix-xhieda tiegħu, illi jgħid illi sal-aħħar tas-sena 2019 kien tlesta x-xogħol fit-triq kollha (cioe mhux fil-parti ta' quddiem *The Convenience Shop* biss)[32]. Fir-ritratti esebiti bħala **Dok DV5**, jidhru saħansitra l-vetturi pparkjati quddiem *The Convenience Shop* nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2019[33] u nhar id-disgħa (9) ta' Settembru 2019[34], filwaqt illi t-triq tidher maqlugħa u aċċessibbli biss bir-riġel nhar it-tletin (30) ta' Lulju 2019[35] u nhar is-sitta (6) t'Awwissu 2019[36];

45. Huwa minnu illi l-**Perit Joseph Galea** jixhed illi, *"xogħol ta' potable water kien sar minn Galletta Limited, xogħol ta' drenaġġ kien sar minn Bonnici Brothers, xogħol ta' bankini u asphalt kien sar minn Blockrete imma mbagħad il-Blockrete kellu sub contracting u kien tah lil V & C"*[37], u li għalhekk, hekk kif jixhed il-**Perit David Vassallo**, *"Ix-xogħol tal-Convenience intlaqat tliet darbiet, meta sar l-ilma, meta sar id-dranaġġ, u meta saru l-bankini u l-asfalt."*[38] Madanakollu, huwa evidenti illi t-triq quddiem *The Convenience Shop* ma kinitx maqlugħa għall-perjodu kollu illi fih sar ix-xogħol fi Triq il-Wied, iżda unikament fil-perjodu illi fih kien qed isir ix-xogħol quddiemha, u dan għal perjodi qosra bejn Mejju 2018 u Diċembru 2019, kif jirriżulta anke mir-ritratti kif spjegat aktar 'il fuq. Fir-ritratt fir-rapport immarkat **Dok DV8**, jirriżulta wkoll illi saħansitra anke meta kien qed isir ix-xogħol minn Galletta Construction Limited quddiem *The Convenience Shop*, u cioe f'Awwissu 2018, it-triq mhux talli kienet aċċessibbli bir-riġel, iżda talli kienet aċċessibbli wkoll bil-vetturi, tant illi

[30] A fol 23 *et seq* tal-proċess
[31] A fol 192 tal-proċess
[32] A fol 375 tal-proċess
[33] A fol 120 tal-proċess
[34] A fol 139 tal-proċess
[35] A fol 123 tal-proċess
[36] A fol 129 tal-proċess
[37] A fol 333 tal-proċess
[38] A fol 191 tal-proċess

jidhru l-vetturi pparkjati quddiem l-istess negozju[39]. Infatti, ir-rappreżent ta' Galletta Construction Limited **Dorian Sciortino** jgħid, *"Għamilna gandott ta' għoli daqshekk ta' seventy five centimetres, nifthu sitt metri sitt metri, u dejjem li ma nlestux fil-għaxija dejjem ngħattu bil-pjanċi biex it-triq ma niżgumbrawhiex għax anke jkunu jistgħu jaqsmu għal fuq il-bankina, kull biċċa li dejjem ftaħna dejjem għattejniha bil-pjanċi, u anke nagħtu l-konkos, nergħu nagħmlu l-pjanċi."*[40] Dan il-fatt ixejjen kompletament l-allegazzjoni da parti tas-soċjeta' rikorrenti illi l-fatt illi s-soċjeta' Galletta Construction Limited kienet twaqqfet mix-xogħol u tqabbad minflokha l-kuntrattur Bonnici Brothers kien tawwal iż-żmien illi fih kellu jsir ix-xogħol f'din it-triq, u l-allegazzjoni illi konsegwenza t'hekk sofriet danni is-soċjeta' rikorrenti[41], stante illi anke li kieku, għall-grazzja tal-argument biss (għaliex ma ġiex hekk pruvat), kellu jingħad illi x-xogħol kien għadu għaddej fit-triq quddiem *The Convenience Shop* f'dan il-perjodu bejn Diċembru 2018 u April 2019 illi fih twaqqaf kuntrattur u ġie ingaġġat ieħor, l-aċċess għan-negozju kien kemm bir-riġel kif ukoll bil-vettura;

46. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjeta' rikorrenti tagħmel referenza għax-xhieda tal-Perit David Vassallo u ta' Beverly Costa in kwantu jgħidu illi, waqt illi kien qed isir ix-xogħol fit-triq, ġiet riskontrata problema serja fl-*istorm water system*, u kellha tinbidel, b'dana illi kellu għalhekk isir xogħol illi ma kienx pjanat minn qabel[42]. Din il-Qorti tinsab perplessa kif is-soċjeta' rikorrenti tista' tqis illi dan il-fatt jikkonforta t-teżi tagħha illi l-Aġenzija intimata aġixxiet b'mod traskurat u negliġenti. Se mai, dan il-punt jindika illi l-Aġenzija intimata u l-entitajiet l-oħra illi kienu qed jagħmlu x-xogħol fit-triq ħadu l-inkarigu illi jagħmlu x-xogħol kollu neċessarju f'darba, u li jaraw illi x-xogħol isir sew. Dan, fl-aħħar mill-aħħar, sabiex ir-residenti u l-provdituri fit-triq, inkluż is-soċjeta' intimata, igawdu minn servizzi modernizzati;

---

[39] A fol 296 tal-proċess
[40] A fol 387 tal-proċess
[41] Vide sezzjoni *"Bidla fil-Kuntrattur"* fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti a fol 546 tal-proċess
[42] A fol 545 tal-proċess

47. Finalment, din il-Qorti rat illi s-soċjeta' rikorrenti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tagħmel ukoll referenza għal rapport minn espert *ex parte* immarkat **Dok PAT1**. Filwaqt illi din il-Qorti rat illi għal dan id-dokument saret referenza għalih fl-affidavit ulterjuri ta' **Patrick Hall** immarkat **Dok DCL5**[43] illi fih jikkonferma Hall bil-ġurament tiegħu illi l-ammont f'danni reklamati mis-soċjeta' rikorrenti huwa ta' €41,863, din il-Qorti hija sprovvista mill-istess rapport, illi jidher illi, wisq probabbli bi żvista, ma ġiex ippreżentat mal-affidavit u konsegwentement ma daħalx in atti. Din il-Qorti, iżda, għandha quddiemha l-*ispreadsheet* illi ġiet annessa mal-ewwel affidavit ta' Patrick Hall[44], u r-rapport ta' **Henry Attard**, impjegat tal-Infrastructure Malta illi għandu l-professjoni t'*accountant*, ibbażat fuq l-istess *spreadsheet*[45]*.* Huwa evidenti illi, fil-perjodu illi fih is-soċjeta' rikorrenti qed tallega illi għamlet telf ta' qliegħ, il-qliegħ xorta waħda baqa' tiela' fil-perjodu bejn Mejju 2018 u Ottubru 2019 meta kkomparat mal-perjodu qabel beda x-xogħol fi Triq il-Wied. Għaldaqstant, lanqas tasal temmen din il-Qorti illi s-soċjeta' rikorrenti sofriet danni fil-perjodi żgħar illi fihom sar ix-xogħol fil-parti tat-triq quddiem in-negozju *The Convenience Shop*;

48. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tikkonkludi illi mhux talli ma ġiex pruvat illi kien hemm traskuraġni, negliġenza u/jew imperizja fl-esekuzzjoni tax-xogħlijiet tal-Aġenzija intimata fil-parti ta' Triq il-Wied illi tinsab quddiem *The Convenience Shop*, iżda talli la ġie pruvat illi l-aċċess għat-triq kien kompletament magħluq għall-perjodu kollu bejn Mejju 2018 u Ottubru 2019, la ġie pruvat illi kien hemm dewmien ta' xogħol bla bżonn, u wisq u wisq inqas ġie pruvat illi s-soċjeta' rikorrenti sofriet xi danni kaġun ta' xi azzjoni (jew inadempjenza) da parti tal-Aġenzija intimata;

49. Konsegwentement din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

[43] A fol 73 tal-proċess
[44] **Dok PH3** a fol 32 tal-proċess
[45] **Dok HA1** a fol 536 *et seq* tal-proċess

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

Moqrija.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**